# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Gunju 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 1125/99mm**

**Joseph Cutajar**

**vs**

**Jos. Vincenti & Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fit-23 ta' Lulju 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas somma li ghandha tigi pruvata waqt it-trattazzjoni tal-kawza u li tigi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi u li tirraprezenta l-bilanc ta' kummissjoni lilu dovuta minnu ghal servizzi li gew rezi lilu fuq ordni u nkarigu specifiku taghha matul il-perjodu bejn Lulju 1998 u Ottubru,1998, f'liema zmien huwa kien impjegat maghha bhala salesman, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra bonarja tat-22 ta' Novembru 1998 u ta' ittra ufficjali datata 22 ta' April

1999, kollox kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' valur l-ammont hu inqas minn Lm500 (hames mitt lira).

Rat in-nota ta' l-ecccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-attur huwa responsabbli lejn is-socjeta' konvenuta ghad-danni ai termini tal-annessa kontro-talba u ghalhekk hemm lok ghat-tpacija skond il-ligi fir-rigward ta' kwalsiasi ammont illi jista jirrizulta dovut lill-attur.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba ta' l-istess socjeta' konvenuta fejn qalet:-

Jghid l-attur rikonvenzjonat ghaliex m'ghandhux jigi kkundannat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex ihallas lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti dawk id-danni li ghandhom jigu likwidati minn dina l-istess Qorti okkorrendo per opera di periti nominandi, liema danni pero' ma ghandhomx jeccedu l-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, in konnessjoni ma' l-inadempiment tal-obbligi tieghu, eccessi u nuqqasijiet ohra kommessi fil-konfront tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti matul il-kors tal-impjieg tieghu mal-istess socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti u dana prevja li l-istess attur rikonvenzjonat jigi dikjarat responsabbli

ghall-istess danni skond il-ligi lejn l-istess socjeta' rikonvenzjonanti minn dina l-istess Qorti.

Bl-imghax u bl-ispejjez anke dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' April 1999 u l-ittra legali tat-23 ta' Dicembru 1998.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghal kontro talba mressqa mis-socjeta' konvenuta fejn eccepixxa:-

1. Illi huwa ma huwa responsabbli ghal ebda danni versu s-socjeta' konvenuta rikonvenjenti matul l-impjieg tieghu ma' l-istess socjeta' konvenuta;

2. Illi fil-kors ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta huwa dejjem qeda dmiru kif kien mistenni minnu u qatt ma naqas lis-socjeta' lis-socjeta' konvenuta;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi rrizulta mill-provi li l-attur kien impjegat bhala *salesman* bejn Lulju u l-20 ta' Ottubru 1998. Ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu, izda jidher illi l-kondizzjonijiet principali kienu illi jithallas bir-rata ta' sebghin lira

fil-gimgha (Lm70) *plus commission* ta' tnejn punt hamsa fil-mija (2.5%) fuq flus illi huwa jkun gabar tas-sales illi ghamel.

L-attur spjega illi huwa kien idur il-hwienet f'karozza illi kienet provduta mill-istess socjeta' konvenuta bil-petrol u insurance imhallsa u jbiegh il-prodotti tas-socjeta' konvenuta minn fuq katalgu, wara li jkun ghamel is-"sales" jmur lura fl-ufficju tas-socjeta' u l-ordnijiet tal-klijenti jigu konsenjati minn *delivery man* apposta. Kien kompitu ta' l-istess *salesman* illi jigbor il-hlas tal-bejgh illi jkun ghamel ghax il-*commission* tieghu jkun ibbazat fuq il-flus illi effettivament tkun irceviet is-socjeta' konvenuta.

Meta l-attur beda fl-impjieg kien gie mitlub illi jigbor xi flus minn sales illi kien ghamel is-*salesman* precedenti Mario Giacchino. L-attur ma kellux oggezzjoni li jigbor dawn il-flus izda ppretenda illi jiehu *commission* fuq dawn il-flus ukoll. Dan is-suggeriment tieghu ma giex accettat mis-socjeta' konvenuta, ghad illi fil-prospett li esebixxa l-istess attur huwa qed jitlob il-kumpens ta' dawn il-flus illi gabar. F'dan il-prospett a fol 50 l-attur qed jitlob l-ammont ta' mitejn seba u tmenin lira u hames centezmi (Lm278.05c). Dan l-ammont qed jigi kontestat mis-socjeta' konvenuta illi minn nahha taghha esibiet prospett a fol 56 fejn skond hi, l-ammont dovut lill-attur huwa ta' mija u disa u ghoxrin lira u hamsa u erbghin centezmi (Lm129.45c). Dawna jinkludu l-flus illi gabret il-kumpanija, mis-sales illi ghamel l-attur wara li spicca mill-istess kumpanija.

Alfred Vassallo wiehed mid-diretturi tas-socjeta' konvenuta qal li qatt ma saret proposta minn nahha tas-socjeta' sabiex din l-

ahhar cifra ta’ Lm129.45c tigi mhallsa lill-attur. Barra minn hekk, is-socjeta’ konvenuta qieghdha tallega li hija dahlet f’ammont ta’ danni peress illi hija ma kellhiex il-koperazzjoni tal-attur wara li dana telaq mill-impjieg taghha fuq xi kwistjonijiet illi hija kellha ma’ klijenti fuq sales illi ghamel l-istess attur.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwarda l-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta jibda biex jinghad li l-Qorti ma jidhirliex li saret il-prova bi grad skond il-ligi sabiex din it-talba tad-danni tista tigi milqugha. Gie esibit prospett a fol 107 b’spjegazzjonijiet li huma pjuttost neboluzi, ma gewx pruvati u dejjem negati mill-attur. Il-Qorti tirrileva illi mhux bizzejjed li jigi esibit prospett, irid ikun konfortat b’xhieda u b’dokumenti ohra sabiex jiggustifikaw dak illi jkun hemm miktub f’dak l-istess prospett. Is-socjeta’ konvenuta kienet f’posizzjoni li taghmel dan u jekk hemm bzonn anke tharrek lil dawk in-nies illi hemm indikati f’dan l-istess prospett, imma din il-prova ma ngabitx u ghalhekk  il-Qorti ma tistax tghid illi giet ippruvata almenu fi grad ta’ probabilita’ illi bl-agir ta’ l-attur is-socjeta’ konvenuta nkorriet xi danni u ghalhekk jidhrilha illi din il-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta ghandha tigi michuda.

Rigward il-meritu tat-talba ta’ l-attur il-kondizzjonijiet ta’ l-impjieg tieghu kienu cari. Sebghin lira fil-gimgha (Lm70) flimkien ma’ *commission* ta’ 2.5% ta’ flus li effettivament huwa jkun gabar minn sales li jkun ghamel. L-attur hawnhekk ma jistax jippretendi li jithallas *commission* tas-sales biss minghajr ma

jiehu inkonsiderazzjoni l-fatt illi din il-kummissjoni hija dovuta biss jekk il-flus minn dan il-bejgh ikun effettivament waslu ghand is-socjeta' konvenuta. L-istess socjeta' ghamlet ezercizzju u baqghet tigri wara l-klijenti taghha ghal flus dovuti lilha fuq sales maghmula mill-attur, anke wara li dana spicca mill-impjieg tieghu u l-prospett esebit mis-socjeta' konvenuta a fol 59 jiggustifika dan l-ezercizzju li l-istess socjeta' ghamlet.

Din il-Qorti ma jidhirliex illi l-attur huwa gustifikat illi jitlob *commission* fuq il-flus illi gabar fuq sales maghmula mis-*salesman* precedenti. Bl-istess argument, il-hlasijiet dovuti lill-attur wara li spicca mill-impjieg kellhom ikunu mnaqqsa b'xi commission dovuta ghal min gabarhom, izda dana mhuwiex il-kaz u s-socjeta' konvenuta kkalkolat il-commission dovut lill-attur fl-intier taghha u cioe' 2.5%. L-attur ma jistax jippretendi illi huwa jithallas *commission* mill-flus illi gabar ghan-nom ta' haddiehor u mbaghad il-flus dovuti lilu migbura minn haddiehor jehodhom minghajr tnaqqis. Dana minbarra l-argument tas-socjeta' konvenuta li kien fl-interess ta' l-attur illi jigbor dawn il-flus, peress illi jekk dana ma jsirx ma jkunx jista jsir bejgh ta' prodotti tas-socjeta' konvenuta lill-klijent illi jkollu xi dejn ma' l-istess socjeta'.

Il-Qorti ghalhekk tasal biex tikkonkludi illi l-prospett esebit mis-socjeta' konvenuta huwa aktar veritjier u jirriffletti l-ammont illi effettivament ghandu jiehu l-attur. Il-Qorti pero' ticcensura lis-socjeta' konvenuta ghaliex ma ppruvatx thallas dan l-ammont mill-ewwel u ma tistax tifhem l-argument ta' Alfred Vassallo meta jghid li minkejja li kien jaf bl-ammont dovut lill-attur ma

ghamlu l-ebda attentat sabiex din ic-cifra tigi mhallsa lilu. A fol 99 hemm ix-xhieda ta' Alfred Vassallo li jghid "qabel ma saret din il-kawza ma jidhirliex illi qatt saret xi proposta minn nahha tal-kumpanija li nhallsu lill-attur l-ammont li kien indikat fil-prospett a fol 59". Dan il-fatt ghandu jirriffletti fuq il-kwistjoni ta' l-ispejjez peress li minkejja li s-socjeta' konvenuta hija gustifikata fl-ammont illi jidhrilha illi ghandha taghti lill-attur, il-fatt li hija ma ghamlet l-ebda attentat biex thallsu, ghandu jirrifletti fuq id-decizzjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallsu l-ammont ta' Lm129.45c bilanc ta' kummissjoni dovuta lill-attur ghal servizzi li gew rezi lis-socjeta' konvenuta matul il-perjodu bejn Lulju 1998 u Ottubru,1998, f'liema zmien l-attur kien impjegat bhala salesman mas-socjeta' konvenuta. Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg